2026/692

23.3.2026

LINJA GWIDA (UE) 2026/692 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tat-22 ta' Jannar 2026

li temenda l-Linja Gwida (UE) 2024/3129 dwar il-ġestjoni ta' kollateral f'operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema (BĊE/2024/22) *(BĊE/2026/4)*

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 127(2), l-ewwel inċiż tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 3.1, l-ewwel inċiż, l-Artikolu 9.2, l-Artikoli 12.1, 14.3, 18.2, u l-ewwel paragrafu tal-Artikoli 20,

Filwaqt li:

(1) Fit-13 ta' Awwissu 2024, il-Kunsill Governattiv adotta l-Linja Gwida (UE) 2024/3129 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2024/22) ([1]), li stabbilixxiet regoli u arranġamenti armonizzati għall-mobilizzazzjoni u l-ġestjoni tal-kollateral eliġibbli skont il-Linja Gwida (UE) 2015/510 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2014/60) ([2]) u/jew il-Linja Gwida BĊE/2014/31 tal-Bank Ċentrali Ewropew ([3]) fuq bażi domestika jew transkonfinali għall-fini tal-kollateralizzazzjoni tal-operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema. Tali kollateral eliġibbli jinkludi strumenti ta' dejn iggarantiti b'ipoteki fil-livell tal-konsumatur (RMBDs) u strumenti ta' dejn mhux negozjabbli ggarantiti bi pretensjonijiet ta' kreditu eliġibbli (DECCs).

(2) Fid-29 ta' Novembru 2024, il-Kunsill Governattiv iddeċieda li jwaqqaf l-eliġibbiltà tal-RMBDs u d-DECCs bħala kollateral, u dik id-deċiżjoni, fost l-oħrajn, hija riflessa fil-Linja Gwida (UE) 2026/689 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2026/1) ([4]) li temenda l-Linja Gwida (UE) 2015/510 (BĊE/2014/60), u fil-Linja Gwida (UE) 2026/691 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2026/3) ([5]) li temenda l-Linja Gwida BĊE/2014/31.

(3) Konsegwentement, huwa meħtieġ li l-waqfien tal-RMBDs u d-DECCs bħala kollateral eliġibbli jiġi rifless fil-Linja Gwida (UE) 2024/3129 (BĊE/2024/22).

(4) Għaldaqstant, il-Linja Gwida (UE) 2024/3129 (BĊE/2024/22) għandha tiġi emendata kif xieraq,

ADOTTA DIN IL-LINJA GWIDA:

Artikolu 1

Emendi

Il-Linja Gwida (UE) 2024/3129 (BĊE/2024/22) hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 1(3), il-punt (b) jitħassar;

([1]) Linja Gwida (UE) 2024/3129 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-13 ta' Awwissu 2024 dwar il-ġestjoni ta' kollateral f'operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema (BĊE/2024/22) (ĠU L, 2024/3129, 20.12.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/guideline/2024/3129/oj).

([2]) Linja Gwida (UE) 2015/510 tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-19 ta' Diċembru 2014 dwar l-implimentazzjoni tal-qafas tal-politika monetarja tal-Eurosistema (Linja Gwida dwar id-Dokumentazzjoni Ġenerali) (BĊE/2014/60) (ĠU L 91, 2.4.2015, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/guideline/2015/510/oj).

([3]) Linja Gwida BĊE/2014/31 tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-9 ta' Lulju 2014 dwar miżuri temporanji addizzjonali fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' rifinanzjament tal-Eurosistema u l-eliġibbiltà tal-kollateral u li temenda l-Linja Gwida BĊE/2007/9 (ĠU L 240, 13.8.2014, p. 28, ELI: http://data.europa.eu/eli/guideline/2014/528/oj).

([4]) Linja Gwida (UE) 2026/689 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-22 ta' Jannar 2026 li temenda l-Linja Gwida (UE) 2015/510 dwar l-implimentazzjoni tal-qafas tal-politika monetarja tal-Eurosistema (BĊE/2014/60) (BĊE/2026/1) (ĠU L, 2026/689, 23.3.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/guideline/2026/689/oj).

([5]) Linja Gwida (UE) 2026/691 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-22 ta' Jannar 2026 li temenda l-Linja Gwida BĊE/2014/31 dwar miżuri temporanji addizzjonali fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' rifinanzjament tal-Eurosistema u l-eliġibbiltà tal-kollateral (BĊE/2026/3) (ĠU L, 2026/691, 23.3.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/guideline/2026/691/oj).

(2) l-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (1) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(1) 'pretensjoni ta' kreditu addizzjonali' jew 'ACC' tfisser pretensjoni ta' kreditu addizzjonali eliġibbli skont l-Artikolu 4 tal-Linja Gwida BĊE/2014/31;";

(b) il-punt (2) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(2) 'kont tal-assi' tfisser: (a) fir-rigward tal-mobilizzazzjoni ta' assi negozjabbli: (i) kont miftuħ minn BĊN fil-kotba tiegħu stess; (ii) kont miftuħ fil-kotba ta' sistema ta' saldu tat-titoli jew ta' BĊN ieħor li jaġixxi bħala bank ċentrali korrispondenti; u (b) fir-rigward tal-mobilizzazzjoni ta' assi mhux negozjabbli: (i) kont miftuħ minn BĊN fil-kotba tiegħu stess; (ii) kont miftuħ fil-kotba ta' BĊN ieħor li jaġixxi bħala bank ċentrali korrispondenti. Tali kontijiet miftuħa ma' istituzzjoni għajr il-bank ċentrali ta' domiċilju jissejħu 'kontijiet tal-assi esterni'; tali kontijiet miftuħa fil-kotba tal-bank ċentrali ta' domiċilju jissejħu 'kontijiet tal-assi interni';";

(c) il-punt (21) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"(21) 'mobilizzazzjoni transkonfinali' tfisser il-mobilizzazzjoni ta': (a) assi negozjabbli: (i) miżmuma fi Stat Membru differenti minn dak tal-HCB; u (ii) maħruġa minn Stat Membru differenti minn dak tal-HCB u miżmuma fl-Istat Membru tal-HCB; (b) pretensjonijiet ta' kreditu rregolati minn liġi għajr il-liġi tal-ġurisdizzjoni fejn ikun stabbilit l-HCB; jew (c) ACCs irregolati minn liġi għajr il-liġi tal-ġurisdizzjoni fejn il-BĊN hu stabbilit il-BĊN li jirċievi l-kollateral;";

(d) il-punt (22) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"(22) 'mobilizzazzjoni ta' aċċess dirett' tfisser il-mobilizzazzjoni ta' assi negozjabbli fejn il-BĊN jirċievi dawn l-assi f'kont ta' titoli miżmum minn dak il-BĊN b'CSD li jinsab f'ġurisdizzjoni għajr dik li fiha l-BĊN huwa stabbilit;";

(e) il-punt (24) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"(24) 'mobilizzazzjoni domestika' tfisser: (a) fir-rigward ta' assi negozjabbli, il-mobilizzazzjoni ta' assi maħruġa u miżmuma f'CSD li jinsab fl-istess ġurisdizzjoni fejn ikun stabbilit l-HCB; u (b) fir-rigward ta' pretensjonijiet ta' kreditu u ACCs, il-mobilizzazzjoni ta' pretensjonijiet ta' kreditu u ACCs irregolati mil-liġi tal-ġurisdizzjoni fejn ikun stabbilit l-HCB;";

(f) il-punt (43) huwa mħassar;

(g) il-punt (44) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"(44) 'aggregazzjoni' tfisser il-metodu operattiv użat mill-BĊNi biex iżommu kollateral mobilizzat minn kontropartijiet, fejn il-kontroparti tagħmel kollateral disponibbli għal BĊN biex jikkollateralizza kreditu minn dak il-BĊN, u li fih assi eliġibbli individwali mhumiex marbuta ma' xi operazzjoni ta' kreditu speċifika tal-Eurosistema;";

(h) il-punt (47) huwa mħassar;

(i) il-punt (48) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"(48) 'modalità taż-żamma fil-kotba' tfisser iż-żamma ta' assi negozjabbli li huma mobilizzati bħala kollateral f'kont ta' titoli tal-kontroparti;";

(j) il-punt (51) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"(51) 'modalità ta' prenotazzjoni tat-trasferiment' tfisser il-konsenja ta' assi negozjabbli li huma mobilizzati bħala kollateral minn kont ta' titoli tal-kontroparti għal kont ta' titoli tal-BĊN;";

(3) l-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 3 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"3. Għall-finijiet tar-riċeviment ta' assi negozjabbli bħala kollateral mill-kontropartijiet, il-BĊNi jistgħu jiftħu kontijiet tal-assi esterni. Tali kontijiet għandhom jinfetħu biss f'sistema ta' saldu tat-titoli eliġibbli (SSS eliġibbli).";

(b) fil-paragrafu 4, il-punt (a) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"(a) assi negozjabbli;";

(c) fil-paragrafu 4, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) assi mhux negozjabbli.";

(4) l-Artikolu 4 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, titħassar ir-referenza għal "u DECCs";

(b) il-paragrafu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"7. Il-pretensjonijiet ta' kreditu għandhom jiġu mobilizzati biss bħala kollateral permezz tal-mudell ta' kummerċ bankarju ċentrali korrispondenti (CCBM) għall-finijiet tal-kollateralizzazzjoni tal-operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema. ACCs u d-depożiti b'terminu fiss (FTDs) ma għandhomx jiġu mobilizzati bħala kollateral permezz tas-CCBM.";

(5) l-Artikolu 5 huwa emendat kif ġej:

(a) fit-titolu u fil-paragrafi 2, 5, 6 u 7, jitħassru r-referenzi għal "u d-DECCs";

(b) fil-paragrafi 1 u 3, jitħassru r-referenzi għal "jew DECCs";

(6) l-Artikolu 6 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:
"**Mobilizzazzjoni u demobilizzazzjoni ta' assi mhux negozjabbli**";

(b) il-paragrafu 10 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"10. Il-mobilizzazzjoni u d-demobilizzazzjoni ta' aggregazzjoijiet ta' ACCs għandhom jitwettqu f'konformità mal-proċeduri definiti mill-HCB.";

(7) fl-Artikolu 7, il-paragrafu 1, il-punt (a), u l-paragrafu 2, jitħassru r-referenzi għal "u d-DECCs";

(8) fl-Artikolu 8(4), titħassar ir-referenza għal "u DECCs";

(9) fl-Artikolu 9, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Għal kontropartijiet b'aċċess għal kreditu fl-istess ġurnata fit-TARGET, il-valur tal-kollateral kollu fl-aggregazzjoni ta' kollateral tal-kontroparti ddedikata għall-kollateralizzazzjoni ta' operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema li la huwa meħtieġ biex jikkollateralizza operazzjonijiet tal-politika monetarja tal-Eurosistema u lanqas ma huwa rriżervat għandu jkun disponibbli bħala linja ta' kreditu f'konformità mal-paragrafu 4.";

(10) fl-Artikolu 10, il-paragrafi 1, 6, 8 u 11, jitħassru r-referenzi għal "jew DECCs";

(11) l-Artikolu 12 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, titħassar ir-referenza għal "u DECCs";

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Fir-rigward tal-pretensjonijiet ta' kreditu u l-ACCs mobilizzati bħala kollateral, l-HCB jew, fil-każ ta' kollateral mobilizzat permezz tas-CCBM, is-CCB għandu jiddetermina jekk għandux jitlob tariffa. Meta jiġu imposti tariffi, il-livell tat-tariffa tat-tranżazzjoni u t-tariffa għas-servizz għandhom jiġu ddeterminati mill-HCB, jew fil-każ ta' kollateral mobilizzat permezz tas-CCBM, is-CCB.".

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ u implimentazzjoni

1. Din il-Linja Gwida għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tan-notifika tagħha lill-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro.

2. Il-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw ma' din il-Linja Gwida u japplikawhom mit-30 ta' Marzu 2026. Huma għandhom jinnotifikaw lill-BĊE bit-testi u l-mezzi relatati ma' dawk il-miżuri sa mhux aktar tard mill-4 ta' Marzu 2026.

Artikolu 3

Destinatarji

Din il-Linja Gwida hija indirizzata lill-banek ċentrali kollha tal-Eurosistema.

Magħmul fi Frankfurt am Main, it-22 ta' Jannar 2026.

Għall-Kunsill Governattiv tal-BĊE
Il-President tal-BĊE
Christine LAGARDE